# Il-Fuklar

*kitba ta' Carmen Abdilla*

Dan iż-żmien jekk xi ħadd ikollu joħroġ mid-dar imgħaġġel m'għandux għax jinkwieta li ħiereġ bil-ġuħ, għax bil-kumditajiet moderni li għandna malajr jipprepara ikla.

Imma fl-imgħoddi hekk kien? Nieħdu l-ħajja bejn 75-80 sena ilu. L-ewwelnett, irridu ngħidu li f'dak iż-żmien il-biċċa l-kbira tal-irġiel tar-raħal ma kellhomx impjieg fiss, kienu jaħdmu fir-raba u nafu li x-xogħol tar-raba huwa staġjonali: ħsad tas-silla, qliegħ u ġbir tal-patata speċjalment meta din tkun għas-safar u ħsad tal-qamħ. Il-mara fid-dar kienet tmur tagħmel xi ħasla ħwejjeġ ma' xi ħadd (meta ssib), u dan juri li l-flus fl-idejn kienu skarsi.



Il-ħajja trid tkompli sejra. Il-familji kienu familji numerużi, l-ikel kien irid isir, imma fuqhiex kienu jsajru? Il-faqar iġib uġigħ ir-ras u ħallu l-mara u r-raġel iħabblu rashom fuqhiex isajru. L-eħfef ħaġa kienet li jsibu żewġ ġebliet tal-istess għoli, ipoġġuhom x'imkien bi spazju bejniethom, isibu żewġ biċċiet ħadid, ipoġġu biċċa fuq quddiem u oħra fuq wara min-naħa għall-oħra ta' dawn il-ġebliet fejn toqgħod il-borma, timla' dan l-ispazju b'dak li tkun ħasbet għalih (weraq u zkuk nexfin u xi ħatba jew injama u ħallieha tnajjar. Dan kien fih ħafna intrigu u periklu: intrigu għax trid toqgħod miegħu l-ħin kollu biex ma jintefiex u periklu, għax ma kien hemm ebda lqugħ għall-ġamar sħun li kien jaqa'.

Għal min seta jagħmel *kapriċċ* darba, dan kien jakkwista kenur. Dan kien magħmul minn ġebla maħduma b'mod li l-kantunieri tagħha kienu jservu fejn toqgħod il-borma. L-ispazju ta' bejn kantuniera u oħra kien iservi biex minnu tidħol l-arja, u l-mara tista' ddaħħal il-materjal għan-nar. Dan il-kenur kellu ħofra għall-materjal tan-nar, kellu speċi ta' gradilja maħduma mill-ġebel u isfel nett oħra fejn jaqa' l-irmied. Imma l-periklu xorta baqa' hemm għax ilqugħ għall-ġamar jaħraq ma kellux. Żvantaġġ ieħor ta' dawn iż-żewġ affarijiet kien li jimtela' kullimkien bid-duħħan.

Il-mezz bl-inqas periklu kien il-fuklar. Dan kien speċi ta' kaxxa mibnija f'rokna tal-kċina, għoli bejn wieħed u ieħor xi erba' filati. Tliet ħitan kienu jkunu mibnija minn fuq s'isfel imma l-faċċata kienet tkun hekk; il-filata t'isfel kienet tkun mibnija dawramejt (u din kienet isservi ta' lqugħ għall-irmied u l-ġamar jaħraq biex ma jixxerridx). Fiż-żewġ filati li kien imiss, fin-nofs kien jitħalla spazju naqra wiesa'. Ir-raba' filata kienet tinbena dawramejt. Issa wasalna għall-wiċċ il-fuklar. Il-ġebel użat għall-wiċċ kien ikun ta' ħxuna inqas minn dik tal-filati l-oħra. Qabel ma jitqiegħed il-ġebel f'postu, kienet titpoġġa gradilja tal-ħadid naqra oħxon, f'pożizzjoni li din tkun eżatt quddiem dik il-fetħa li tkun tħalliet fil-faċċata, jinqatgħu żewġ ġebliet li fihom jinqata' nofs ċirku. Dawn jitpoġġew fuq il-grada bi spazju bejniethom fuq wara u fuq quddiem. Dak ta' quddiem kien iservi biex idaħħal il-materjal għan-nar. Mill-ispazju ta' wara kienet tgħaddi jew katusa dejqa jew jitħaffer kanal żgħir fil-ħajt li jagħti għal xi ventilatur li jiftaħ jew fuq il-bejt jew għal xi post fil-beraħ (bitħa jew ġnien) u b'hekk kien jiġi evitat id-duħħan kollu. Għan-nar kien jintuża' l-faħam ukoll. Biex irewħu biex ifittex jaqbad in-nar kienu jużaw imrewħa magħmula mill-ġummar.

Dawn kienu l-mezzi għat-tisjir. Kienu jsajru f'reċipjent tal-fuħħar kien hemm il-borma (għall-brodu, kawlata u minestra), in-nofs borma (għall-aljotta u l-istuffat), u l-paġna (għall-fenek u l-fekruna). Meta xi reċipjent minn dawn kien jixxigħer kienu jbernuk (jorbtuh minn fuq b'biċċa fildiferru) u meta kienet tinkiser kienu jfaddlu dawk il-bċejjeċ u jbigħuhom lil nies li kienu mħarrġin, ifarrkuhom trab biex jiksu l-bjut bihom. Dan it-trab kien jissejjaħ deffun.

U l-irmied x'kien isir minnu? Kien jinġabar ġo xi kaxxa naqra kbira u jeħduh ħdejn it-tiġieġ. Dawn kienu jitkagħbru ġo fih u jekk kien ikollhom xi nsetti parassiti (ħurrieq) dawn kienu jitilqu minn fuqhom.